Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 134/21**
Il-Lussemburgu, 15 ta' Lulju 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-795/19
Tartu Vangla

# Il-leġiżlazzjoni Estonjana li tipprevedi impossibbiltà assoluta li jinżamm fil-funzjonijiet tiegħu uffiċjal tal-ħabs li l-akutezza tas-smigħ tiegħu ma tissodisfax livelli ta' perċezzjoni tal-ħoss minimi mingħajr ma tippermetti li jiġi vverifikat jekk huwiex f'pożizzjoni li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu tmur kontra d-dritt tal-Unjoni

*Din il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi diskriminazzjoni direttament ibbażata fuq id-diżabbiltà*

Għal kważi ħmistax-il sena, XX kien impjegat mill-ħabs ta' Tartu (l-Estonja) bħala uffiċjal tal-ħabs.

Matul dan il-perijodu daħal fis-seħħ ir-Regolament Nru 12 tal-Gvern tar-Repubblika tal-Estonja dwar ir-rekwiżiti u l-kontroll fil-qasam tas-saħħa tal-uffiċjali tal-ħabs, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti tal-kontenut u tal-forma taċ-ċertifikat mediku. Dan ir-regolament jistabbilixxi b'mod partikolari livelli ta' perċezzjoni tal-ħoss minimi applikabbli għal dawn l-uffiċjali u jipprevedi li t-tnaqqis tas-smigħ taħt dawn ir-regoli jikkostitwixxi impediment mediku assolut għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' uffiċjal tal-ħabs. Barra minn hekk, l-imsemmi regolament ma jawtorizzax l-użu ta' mezzi ta' korrezzjoni fl-evalwazzjoni tas-sodisfazzjon għar-rekwiżiti fil-qasam ta' akutezza tas-smigħ.

Fit-28 ta' Ġunju 2017, id-Direttur tal-ħabs ta' Tartu keċċa lil XX wara l-ħruġ ta' ċertifikat mediku li juri n-nuqqas ta' konformità tal-akutezza tas-smigħ ta' dan tal-aħħar mal-livelli ta' perċezzjoni tal-ħoss minimi stabbiliti mir-Regolament Nru 12.

XX ippreżenta rikors quddiem it-Tartu Halduskohus (il-Qorti Amministrattiva ta' Tartu, l-Estonja), li fih sostna li dan ir-regolament kien jinkludi diskriminazzjoni minħabba d-diżabbiltà kuntrarja b'mod partikolari għall-põhiseadus (il-Kostituzzjoni). Peress li dan ir-rikors kien ġie miċħud, it-Tartu Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tartu, l-Estonja), permezz ta' sentenza tal-11 ta' April 2019, laqgħet l-appell ta' XX u kkonstatat in-natura illegali tad-deċiżjoni ta' tkeċċija. Din il-qorti ddeċidiet ukoll li tibda proċeduri ġudizzjarji ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja). Filwaqt li rrilevat li l-obbligu li l-persuni li għandhom diżabbiltà jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-persuni l-oħra li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli u mingħajr diskriminazzjoni jirriżulta mhux biss mill-Kostituzzjoni iżda wkoll mid-dritt tal-Unjoni, din tal-aħħar iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78 [1] jipprekludux tali leġiżlazzjoni nazzjonali.

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Wara li kkonstatat li r-Regolament Nru 12 jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u jistabbilixxi differenza fit-trattament direttament ibbażata fuq id-diżabbiltà, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk din tistax tiġi ġġustifikata abbażi tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78, li jgħid li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li differenza fit-trattament ibbażata fuq karatteristika marbuta ma' dan il-motiv ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni meta, minħabba n-natura ta' attività professjonali jew il-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tagħha, il-karatteristika inkwistjoni tikkostitwixxi rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti, sakemm l-għan ikun proporzjonat u r-rekwiżit ikun proporzjonat. Sa fejn tippermetti deroga mill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata b'mod strett.

[1] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, b’mod partikolari, li r-rekwiżit li persuna tkun kapaċi tisma’ b’mod korrett u, għaldaqstant, li tissodisfa ċertu livell ta’ akutezza tas-smigħ jirriżulta min-natura tal-funzjonijiet ta’ uffiċjal tal-ħabs, kif deskritti mill-qorti tar-rinviju, u tqis li minħabba n-natura ta’ dawn il-funzjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tagħhom, il-fatt li l-akutezza tas-smigħ tiegħu għandha tissodisfa livell minimu ta’ perċezzjoni tal-ħoss jista’ jitqies li huwa “rekwiżit professjonali ġenwin u determinanti”, fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78.

Peress li **r-Regolament Nru 12 huwa intiż li jippreżerva s-sigurtà tal-persuni u l-ordni pubbliku, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li dan ir-regolament għandu għanijiet leġittimi,** u sussegwentement teżamina jekk ir-rekwiżit li huwa jipprevedi, li jgħid li l-akutezza tas-smigħ tal-uffiċjal tal-ħabs għandha tissodisfa livelli ta’ perċezzjoni tal-ħoss minimi, mingħajr ma jiġi awtorizzat l-użu ta’ mezzi ta’ korrezzjoni matul l-evalwazzjoni tas-sodisfazzjon ta’ dawn il-livelli, u li n-nuqqas ta’ osservanza tagħhom jikkostitwixxi impediment mediku assolut għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, huwiex adatt sabiex jintlaħqu dawn l-għanjiet u jekk huwa ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu.

Fir-rigward tan-natura xierqa ta’ dan ir-rekwiżit, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li leġiżlazzjoni tkun adegwata sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan invokat biss jekk verament tirrifletti l-intenzjoni li dan jintlaħaq b’mod koerenti u sistematiku. Issa, hija tosserva li l-imsemmi regolament jawtorizza lill-uffiċjal tal-ħabs sabiex juża tagħmir ta’ korrezzjoni fl-evalwazzjoni tal-osservanza tar-regoli li jipprevedi fil-qasam tal-akutezza viżiva filwaqt li din il-possibbiltà hija eskluża fil-qasam tal-akutezza tas-smigħ.

Fir-rigward tan-natura neċessarja tal-imsemmi rekwiżit, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li **n-nuqqas ta’ osservanza tal-livelli stabbiliti mir-Regolament Nru 12 jipprekludi b’mod assolut l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta’ uffiċjal tal-ħabs, peress li dawn il-livelli japplikaw fir-rigward tal-uffiċjal tal-ħabs kollha mingħajr possibbiltà ta’ deroga. Barra minn hekk, dan ir-regolament ma jippermettix evalwazzjoni individwali tal-kapaċità tal-uffiċjal li jaqdi l-funzjonijiet essenzjali ta’ din il-professjoni minkejja d-difett ta’ smigħ li għandu.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar ukoll l-obbligu tal-persuna li timpjega, li jirriżulta mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78, li tieħu l-miżuri xierqa, skont il-bżonnijiet f’sitwazzjoni konkreta, sabiex tippermetti lil persuna b’diżabbiltà li jkollha aċċess għal impjieg u teżerċitah, ħlief jekk dawn il-miżuri jimponu fuq din il-persuna li timpjega piż sproporzjonat. F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **r-Regolament Nru 12 ma ppermettiex lill-persuna li timpjega lil XX twettaq, qabel it-tkeċċija tagħha, verifiki sabiex jittieħdu miżuri bħall-użu ta’ apparat ta’ smigħ, eżenzjoni, fil-konfront tagħha, mill-obbligu li twettaq kompiti li jeħtieġu li jintlaħqu l-livelli ta’ perċezzjoni tal-ħoss minimi rikjesti jew ukoll assenjazzjoni għal pożizzjoni li ma tirrikjedix li jintlaħqu dawn il-livelli**, u li ebda indikazzjoni ma tingħata fuq in-natura possibbilment sproporzjonata tal-piż li jirriżulta minnhom.

Dan ir-regolament jidher b’hekk li impona rekwiżit li jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-Artikolu 2(2)(a), l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78 **jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi impossibbiltà assoluta li uffiċjal tal-ħabs iżomm il-funzjonijiet tiegħu meta l-akutezza tas-smigħ tiegħu ma tissodisfax il-livelli ta’ perċezzjoni tal-ħoss minimi stabbiliti minn din il-leġiżlazzjoni, mingħajr ma tippermetti li jiġi vverifikat jekk dan l-uffiċjal ikunx f’pożizzjoni li jwettaq l-imsemmija funzjonijiet, jekk ikun il-każ wara l-adozzjoni ta’ arranġamenti raġonevoli** fis-sens tal-Artikolu 5.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

www.curia.europa.eu

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*